Laqgħa b' urgenza Reġjun Port - Nu 12/2022 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: Il-Ġimgħa, 7 t' Ottubru 2022

Ħin: 13:00

Bdiet: 13:00

Online – Zoom

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Preżenti |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Skużat |
| Sur Pierre Dalli | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Preżenti |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Twanny Bonavia | Viċi - Sindku | Kunsill Lokali Isla | Preżenti |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Skużat |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Preżenti |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Skużat |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Skużat |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Preżenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Preżenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |

**12. 1 Ittri ta' Apoloġija**

12.1.1 Il-President irringrazzja lil dawk kollha li setgħu jattendu għal-laqgħa b' urgenza. Talab li s-Sur Boxall, Is-Sur Aquilina, Is-Sur Abela Galea u s-Sur Zammit ikun skużati peress li ma setgħux jattendu għal-laqgħa minħabba impennji personali u anki peress li l-laqgħa ssejħet fi żmien qasir.

12.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Vince Borg, il-kumitat approva dak propost.

**12.2 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Riżultat tal-Intervisti għall-post vakant ta' Deputat Reġistratur Skala (13) – Tribunal Lokali Żejtun.**

12.2.1 Il-President fakkar lill-Kumitat li l-bieraħ, il-Ħamis, 6 t' Ottubru 2022, il-Board tal-Għażla inltaqa' sabiex jagħmel l-intervista lill-applikanta li applikat għall-post vakant ta' Deput Reġistratur ġewwa Tribunal Lokali Żejtun.

12.2.2 Il-President semma li kellu jsejjaħ laqgħa b' urgenza sabiex ir-rapport tal-intervista jiġi approvat mill-Kumitat peress li ftit siegħat qabel ir-Reġjun kien ikkupjat b' korrispondenza mill-Aġent Deputat Reġistratur li bħal issa qiegħda mislufa lit-Tribunal mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, fejn din talbet lid-Direttur Ġenerali għall-approvazzjoni għal unpaid leave sabiex tmur fuq prova ta' xogħol mal-privat.

12.2.3 Il-President semma li peress li dan il-leave kien approvat minnufih mid-Direttur Ġenerali huwa kellu jlaqqa' il-Kumitat sabiex japprova jew mod ieħor ir-rapport tal-Board tal-Għażla, peress li issa din il-materja saret waħda urġenti. Dan għaliex mingħajr Aġent Deputat Reġistratur u fid-dawli li r-Reġjun la għandu Reġistratur u lanqas Deputat Reġistratur, is-seduti jkollhom jiġu diferiti.

12.2.4 Għaldaqstant, il-President propona li r-Rapport preżentat ikun approvat sabiex ma jkunx interrot l-operat ta' Tribunal.

12.2.5 Is-Sur Jorge Grech semma li fiċ-ċirkustanzi wieħed għandu jara li l-operat ta' Tribunal jibqa' għaddej kemm jista' jkun b' mod normali, Għaldaqstant huwa jemmen li l-Kumitat għandu joqgħod u japprova r-rapport imħejji mill-Board tal-Għażla sabiex sabiex l-operat ikompli.

12.2.6 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva unanimament ir-rapport.

12.2.7 L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li hiaj ser tkun qed tikkomunika mal-applikant il-magħżul sabiex wieħed ikun jista' jara li jitkompla l-proċess ta' ingaġġ mingħajr ebda dewmien.

12.2.8 Il-President irringrazzja lil dawk preżenti filwaqt li fakkar li l-Kumitat ser jerġa' jiltaqa' nhar l-20 t' Ottubru 2022.

12.2.9 Il-laqgħa aġġornat għall-ħabta ta' sagħtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv